



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Awwissu 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0175(NLE)

10241/20
ADD 1

ACP 76
COASI 98
RELEX 593
WTO 138

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Awwissu 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 374 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESS ta' [...] Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit taħt il-Ftehim ta' Sħubija Temporanja bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, rigward l-istabbiliment tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ u r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitati Speċjali

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 374 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2020) 374 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.8.2020
COM(2020) 374 final

ANNEX

ANNESS

ta' [...]

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit taħt il-Ftehim ta' Sħubija Temporanja bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, rigward l-istabbiliment tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ u r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitati Speċjali

ABBOZZ TAD-

DEĊIŻJONI Nru 01/2020 TAL-KUMITAT TAL-KUMMERĊ STABBILIT BIL-FTEHIM TA' SĦUBIJA INTERIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA, MINN NAĦA WAĦDA, U L-ISTATI TAL-PAĊIFIKU, MIN-NAĦA L-OĦRA

ta'...

rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku u tal-Kumitati Speċjali

IL-KUMITAT TAL-KUMMERĊ BEJN L-UE U L-PAĊIFIKU,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interim ta' Sħubija, li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (minn hawn 'il quddiem il-“Ftehim”) bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra¹, iffirmat f'Londra fit-30 ta' Lulju 2009 u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 68 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku u jipprevedi li l-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.
- (2) L-Artikolu 68 jipprevedi wkoll li l-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku se jiddelega setgħat speċifiċi ta' implimentazzjoni ta' teħid ta' deċiżjonijiet lill-Kumitati Speċjali kif previst fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku u tal-Kumitati Speċjali huma stabbiliti kif stipulat fl-Anness.

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku

F'isem l-Unjoni

F'isem l-Istati tal-Paċifiku

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/729/KE tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L 272, 16.10.2009, p. 1).

Anness

IR-REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT TAL-KUMMERĊ BEJN L-UE U L-PAĊIFIKU,

stabbilit mill-Artikolu 68 tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra

Artikolu 1

Ir-rwol u l-Isem tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku

1. Il-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 68 tal-Ftehim Interim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), hu responsabbli għall-kwistjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 68 tal-Ftehim.
2. Il-Kumitat imsemmi hawn fuq għandu jkun imsemmi f'dokumenti tal-Kumitat, inklużi deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet, bħala "Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku".

Artikolu 2

Kompożizzjoni u Presidenza

1. Skont l-Artikolu 68(1) tal-Ftehim, il-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati tal-Paċifiku.
2. Ir-rappreżentanza tal-Partijiet għandha normalment tkun f'livell ta' uffiċjali għolja, jew eċċezzjonalment fil-livell ministerjali kull meta l-Partijiet jaqblu li ċ-ċirkostanzi jeħtieġu hekk.
3. Il-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku fil-livell ministerjali għandu jkun kopresedut mill-Membru tal-Kummissjoni Ewropea inkarigat mill-kummerċ u minn rappreżentant ta' wieħed mill-Istati tal-Paċifiku f'livell ministerjali, jew minn dawk iddeżinjati rispettivi tagħhom. L-Istati tal-Paċifiku għandhom jeżerċitaw din il-funzjoni billi jalternaw skont l-ordni alfabetiku kull 12-il xahar. L-ewwel rotazzjoni għandha tibda fid-data tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku u tintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara.
4. Il-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku fil-livell ta' uffiċjali għolja għandu jkun kopresedut minn uffiċjal għoli tal-Kummissjoni Ewropea li jirrappreżenta l-Unjoni Ewropea u minn uffiċjal għoli tal-Istat tal-Paċifiku li jirrappreżenta lill-Istati tal-Paċifiku. L-Istati tal-Paċifiku għandhom jeżerċitaw din il-funzjoni billi jalternaw skont l-ordni alfabetiku kull 12-il xahar. L-ewwel rotazzjoni għandha tibda fid-data tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku u tintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara.
5. Il-kopresidenti ta' kull Parti għandu jkollhom is-setgħat meħtieġa biex jirrappreżentaw lill-Unjoni Ewropea jew lill-Istati tal-Paċifiku, rispettivament.
6. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar l-isem, il-pożizzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal għoli li huwa inkarigat biex jikkopresiedi l-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku għal dik il-Parti. Dan l-uffiċjal għoli jitqies li jkollu

l-awtorizzazzjoni li jirrappreżenta l-Parti sad-data li l-Parti tkun innotifikat lill-Parti l-oħra bħala kopresident ġdid.

Artikolu 3

Segretarjat

1. Uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati tal-Paċifiku għandu jaġixxi flimkien bħala Segretarju tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku. L-Istati tal-Paċifiku għandhom jeżerċitaw din il-funzjoni billi jalternaw skont l-ordni alfabetiku kull 12-il xahar. L-ewwel rotazzjoni għandha tibda fid-data tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku u tintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara.
2. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar l-isem, il-pożizzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal li huwa s-Segretarju tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku għal dik il-Parti. Dan l-uffiċjal hu preżunt li jibqa' jaġixxi bħala Segretarju tal-Parti sad-data li fiha l-Parti tavża lill-Parti l-oħra b'Segretarju ġdid.

Artikolu 4

Laqgħat

1. Il-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku għandu jiltaqa' darba fis-sena, sakemm il-kopresidenti ma jiddeċidux mod ieħor, jew f'każijiet urġenti fuq talba ta' waħda mill-Partijiet.
2. Il-laqgħat għandhom isiru f'data u f'ħin miftiehma alternattivament fi Brussell u f'waħda mill-ibliet kapitali tal-Istati tal-Paċifiku fuq bażi ta' rotazzjoni, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-kopresidenti.
3. Il-laqgħat għandhom jissejħu mill-kopresident li jippresjedi tal-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.
4. Laqgħa tista' ssir personalment, b'vidjokonferenza jew b'telekonferenza.
5. Il-pajjiżi li esprimew uffiċjalment l-intenzjoni tagħhom li jaderixxu mal-Ftehim jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat bħala osservaturi jekk il-Partijiet jaqblu.

Artikolu 5

Delegazzjonijiet

30 jum qabel il-laqgħa, is-Segretarju tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku għal kull Parti għandu jinforma lis-Segretarju tal-Parti l-oħra dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati tal-Paċifiku rispettivament. Il-lista għandha tispeċifika l-isem u l-funzjoni ta' kull membru tad-delegazzjoni.

Artikolu 6

Dokumenti

Fejn id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku jkunu bbażati fuq dokumenti ta' prova miktubin, dawn id-dokumenti għandhom jiġu nnumerati u ċċirkolati bħala dokumenti tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku mis-Segretarju.

Artikolu 7

Korrispondenza

1. Kwalunkwe korrispondenza indirizzata lill-Kumitat tal-Kummerè bejn l-UE u l-Paċifiku tintbagħat lis-Segretarju.
2. Il-korrispondenza mill-Kumitat tal-Kummerè bejn l-UE u l-Paċifiku għandha titqassam lill-Partijiet mis-Segretarju.

Artikolu 8

Aġenda tal-laqgħat

1. Perjodu ta' żmien raġonevoli qabel laqgħa, iżda mhux inqas minn sittin jum qabel, is-Segretarju tal-Kumitat tal-Kummerè bejn l-UE u l-Paċifiku għandu jfassal aġenda proviżorja għal kull laqgħa abbażi ta' proposta magħmula mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa b'mill-inqas erbatax-il jum kalendarju ta' skadenza għal kull Parti oħra biex jipprovdu kummenti.
2. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kumitat tal-Kummerè bejn l-UE u l-Paċifiku fil-bidu ta' kull laqgħa. Il-punti li ma jidhrux fuq l-aġenda proviżorja jistgħu jitqiegħdu fuq l-aġenda b'konsens.

Artikolu 9

Stedina ta' esperti

Il-kopresidenti tal-Kumitat tal-Kummerè bejn l-UE u l-Paċifiku jistgħu, bi ftehim reċiproku, jistiednu esperti (jiġifieri uffiċjali mhux governattivi) biex jattendu l-laqgħat tal-Kumitat tal-Kummerè bejn l-UE u l-Paċifiku sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġetti speċifiċi u biss għall-partijiet tal-laqgħa fejn jiġu diskussi suġġetti speċifiċi bħal dawn.

Artikolu 10

Minuti

1. L-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa għandu jitfassal mis-Segretarju tal-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa, fi żmien tletin jum kalendarju minn tmien il-laqgħa, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-kopresidenti. L-abbozz tal-minuti għandu jintbagħat għall-kummenti lis-Segretarju tal-Parti l-oħra.
2. Fejn ir-regoli preżenti japplikaw għal-laqgħa tas-sottokumitati, il-minuti tal-laqgħa tas-sottokumitat għandhom ikunu disponibbli għal kwalunkwe laqgħa sussegwenti tal-Kumitat tal-Kummerè.
3. Bħala regola ġenerali, il-minuti għandhom jiddeskrivu fil-qosor kull punt fl-aġenda, u fejn japplika jispeċifikaw:
 - (a) id-dokumenti kollha ppreżentati lill-Kumitat tal-Kummerè bejn l-UE u l-Paċifiku;
 - (b) kwalunkwe dikjarazzjoni li membru tad-delegazzjonijiet parteċipanti fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Kummerè bejn l-UE u l-Paċifiku jkun talab li tiddaħħal fil-minuti; kif ukoll
 - (c) id-deċiżjonijiet meħuda, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula, id-dikjarazzjonijiet miftiehma u l-konklużjonijiet adottati dwar punti speċifiċi.

4. Il-minuti għandhom jinkludu lista tad-deċiżjonijiet kollha tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku meħuda bi proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 11(2) mill-aħħar laqgħa tal-Kumitat.
5. Anness għall-minuti għandu jinkludi wkoll lista tal-parteciċipanti għal-laqgħa tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku.
6. Is-Segretarju għandu jaġġusta l-abbozz tal-minuti abbażi tal-kummenti riċevuti u l-abbozz tal-minuti, kif rivedut, għandu jiġi approvat mill-Partijiet fi żmien sittin jum mid-data tal-laqgħa, jew minn kwalunkwe data oħra miftiehma mill-kopresidenti. Ladarba approvati, żewġ kopji oriġinali tal-minuti għandhom jiġu ffirmati mis-Segretarju u l-Unjoni Ewropea u l-Istati tal-Paċifiku għandhom jirċievu kopja oriġinali tal-minuti.
7. Is-Segretarju tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku għandu wkoll iħejji konklużjonijiet u komunikati konġunti li għandhom jiġu approvati mill-Partijiet fi tmien il-laqgħa.

Artikolu 11

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Il-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku jista' jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha fejn il-Ftehim jipprovdi hekk. Il-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku għandu jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet b'konsens.
2. Fil-perjodu ta' bejn il-laqgħat, il-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku jista' jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub jekk il-Kopresidenti jaqblu li jsir hekk. Għal dak il-għan, it-test tad-deċiżjoni jew rakkomandazzjoni proposta għandu jiġi ppreżentat bil-miktub minn wieħed mill-Kopresidenti lill-Kopresident l-ieħor. Dan tal-aħħar għandu jkollu xahrejn, jew kwalunkwe perjodu itwal ta' żmien determinat fil-proposta tal-Kopresident, biex jesprimi l-qbil tiegħu dwar id-deċiżjoni jew ir-rakkomandazzjoni proposta. Jekk il-Parti l-oħra ma tesprimix il-qbil tagħha, id-deċiżjoni jew ir-rakkomandazzjoni proposta għandha tiġi diskussa u tista' tiġi adottata fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat. L-abbozzi ta' Deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala adottati ladarba l-Parti l-oħra tesprimi l-qbil tagħha u għandha tiġi rreġistrata fil-minuti tal-laqgħa li jmiss tal-Kumitat skont l-Artikolu 10(4).
3. Fejn il-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku jkollu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet skont il-Ftehim, dawn l-atti jingħatalhom it-titolu ta' "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni" rispettivament. Is-Segretarjat tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku se jagħti numru tas-serje progressiv, id-data tal-adozzjoni u deskrizzjoni tas-suġġett għal kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni meħuda. Kull deċiżjoni u rakkomandazzjoni għandha tipprovdi għad-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.
4. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku għandhom jiġu awtentikati mill-Kopresidenti.
5. L-Unjoni Ewropea u l-Istati tal-Paċifiku għandhom jirċievu verżjoni oriġinali u awtentika ta' kull deċiżjoni u rakkomandazzjoni.

Artikolu 12

Trasparenza

1. Il-Partijiet jistgħu jaqblu li jiltaqgħu fil-pubbliku.
2. Kull Parti tista' tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.
3. Id-dokumenti kollha sottomessi minn Parti għandhom jitqiesu bħala kunfidenzjali, sakemm dik il-Parti ma tiddeċidix mod ieħor.
4. L-aġendi proviżorji tal-laqgħat għandhom isiru pubbliċi qabel isiru l-laqgħat tal-Kumitat. Il-konklużjonijiet konġunti u l-komunikati għandhom isiru pubbliċi wara l-approvazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 10.
5. Il-pubblikazzjoni tad-dokumenti msemija fil-paragrafi 2 sa 4 għandha ssir f'konformità mar-regoli applikabbli tal-protezzjoni tad-*data* ta' kull Parti.

Artikolu 13

Lingwi

1. Il-lingwa ta' ħidma tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku hija l-Ingliż.
2. Il-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku għandu jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw l-emenda jew l-interpretazzjoni tal-Ftehim fil-lingwi tat-testi awtentiċi tal-Ftehim. Id-deċiżjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet l-oħrajn kollha tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku, inkluż dik li permezz tagħha jiġu adottati r-regoli ta' proċedura preżenti, għandhom jiġu adottati fil-lingwa ta' ħidma msemija fil-paragrafu 1.
3. Kull Parti għandha tkun responsabbli għat-traduzzjoni ta' deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet u dokumenti oħra fil-lingwi uffiċjali tagħha, jekk meħtieġ skont dan l-Artikolu, u għandha tissodisfa l-infiq assoċjat ma' tali traduzzjonijiet.

Artikolu 14

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tkopri in-nefqa li tagħmel minħabba l-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-persunal, l-ivvjaġġar u n-nefqa ta' sussistenza kif ukoll fir-rigward tan-nefqa ta' konferenzi bil-video jew bit-telefon, posta u telekomunikazzjoni.
2. In-nefqa mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandha titħallas mill-Parti li tospita l-laqgħa.
3. In-nefqa marbuta mal-forniment tas-servizzi tal-interpretazzjoni minn u lejn il-lingwi ta' ħidma matul il-laqgħat tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku titħallas mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.

Artikolu 15

Kumitati jew korpi speċjali

1. Kumitati jew korpi speċjali għandhom jiġu stabbiliti u sorveljati f'konformità mal-Artikolu 68(4)(a) tal-Ftehim bil-għan li jittrattaw il-kwistjonijiet kollha delegati lilhom mill-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku .
2. Il-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku għandu jiġi infurmat bil-miktub dwar il-punti ta' kuntatt maħtura mill-kumitati speċjali jew korpi oħra stabbiliti taħt il-Ftehim. Il-korrispondenza, id-dokumenti u l-komunikazzjonijiet rilevanti kollha bejn il-punti ta' kuntatt ta' kull kumitat speċjali rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim għandhom jintbagħtu lis-Segretarjat tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku fl-istess ħin.
3. Il-kumitati speċjali u l-korpi għandhom jirrapportaw lill-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku dwar ir-riżultati, id-deċiżjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet u l-konklużjonijiet minn kull waħda mil-laqgħat tagħhom.
4. Dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-kumitati speċjali u korpi oħra stabbiliti taħt il-Ftehim, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor minn kull kumitat speċjali jew korpi skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

Artikolu 16

Emendi għar-Regoli ta' Proċedura

Dawn ir-Regoli ta' Proċedura jistgħu jiġu emendati bil-miktub b'deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ bejn l-UE u l-Paċifiku skont l-Artikolu 11.